MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 255/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Debattista)**
**Vs**
**John Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 168185(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kapacita` tieghu ta' detentur tal-licenzja BAR/006, fit-2 ta' Dicembru 2011, u fil-granet ta' qabel, gewwa La Cubana Bar, B'Kara Road, San Giljan

1. bi ksur ta' artikoli 43 (1)(b) ta' l-Att ta' 1999 dwar servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kap 409, naqas milli josserva l-kondizzjonijiet tal-licenzja kif mahrug mill-Awtorita` peress li ghamel kcina fil-bitha u ukoll niffed il-post licenzjat ma fond iehor.
2. bi skur ta' l-artikolu 12 (1) tal-Legislazzjoni sussidjarja 409.15 ippermetta daqq ta' muzika tghajjat,

strumenti tal-muzika, jew l-uzu ta' loud speakers, jew amplifikazzjoni fi stabbiliment minghajr ma kien fil-pussess ta' permess mahrug mill-Awtorita`.
3. bi ksur ta' l-artikolu 21 tal-Legislazzjoni sussidjarja 10.09 impjega persuna Domnic Abela bin-numru ta' ID 958848 (M) bhala sostitut (substitute) jew agent minghajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 43(1)(b) tal-Kap. 409, artikolu 12(1) tal-L.S 409.15 u l-artikolu 21 tal-Legislazzjoni sussidjarja 10.09, filwaqt li sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, lliberatu mill-akkuzi kollha bil-kundizzjoni li hu ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena u minflok tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha in kwantu ghal dak li jirreferi ghall-piena moghtija ma kienitx legalment korretta.

Illi fis-sentenza tat-3 ta' Mejju, 2012, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dott. Francesco Depasquale ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija :

*"Il-Qorti,....... filwaqt li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha bil-kundizzjoni li hu ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum".*

Illi ghalkemm l-akkuzat instab hati tar-reat ai termini tal-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 12(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15 u tal-artikolu 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09, il-Qorti kif presjeduta, pprocediet billi tillibera lill-imputat John Bugeja taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza odjerna.

Illi ai termini tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, kull min jinsab hati ta' reat ai termini tal-artikolu 43 tal-istess, kif hekk hu l-piena applikabbli hija dik ta' *"multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73), u f'kaz ta' reat taht il-paragrafu (b) ..... Jekk il-hati jibqa` ghaddej bir-reat ghal aktar minn tliet xhur, ukoll ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin"!*

Ili in oltre s-subartikolu (3) tal-artikolu 43 tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta specifikament jghid illi *'[i] d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation **ma japplikawx** dwar reati msemmija fis-subartikolu (1)'.*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza odjerna fejn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta tissottometti illi *"l-Qorti ..... mhijiex l-ghodda tal-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta sabiex tigbor multi illi joghgobhom jimponu fuq ic-cittadin min zmien ghal zmien intizi sabiex jiffinanzjaw l-attivitajiet taghhom".* Illi ghal kull buon fini, l-esponent jirrileva illi l-multi li jirrizultaw min dawn id-dispozizzjoni tal-ligi ma jistghu fl-ebda hin jispiccaw f'idejn l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta, liema Awtorita` hija esterna ghal kollox ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Illi ghalhekk l-esponent ihoss ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza in kwantu ghall-piena moghtija lill-appellat hati.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Lil dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali dwar il-piena li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati wara li huwa ammetta t-tliet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Imbagħad il-Qorti lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn.

L-artikolu ċitat mill-Qorti tal-Maġistrati kienu 43(1)(b) tal-Kap 409, tal-Avviż Legali 409.15 u l-artikolu 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09.

L-ewwelnett, tajjeb issottometta l-Avukat Ġenerali li l-Kap 409 jeskludi l-applikazzjoni tal-Probation of Offenders Act.' Isegwi għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tagħti conditional discharge għax kienet prekluża milli tagħmel dan.

Id-difiża ssottomettiet li jista' jkun applikat l-artikolu 21 tal-Kap 9 għaliex dan mhux esklużż. Dan l-artikolu jgħid hekk:

'Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-pinea iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7.'

Id-difiża tissottometti li l-Qorti tista' tapplika dan l-artikolu ġaladarba l-appellat tilef il-business tiegħu.

Il-Qorti tifhem is-sitwazzjoni tal-appellat iżda it-telf tal-business mhux dik ir-raġuni speċjali u straordinarja – iż-żewġ aġġettivi jridu jitqiesu u mhux wieħed minnhom biss – li trid il-Liġi.

Il-Qorti qed tikkonsidra li l-appellat kiser tliet dispożizzjonijiet differenti tal-Liġi Maltija u ebda waħda minnhom ma tista' titqies assorbita fl-oħra.

Jekk wieħed iqis il-piena, l-ewwel imputazzjoni ġġorr magħha piena ta' minimu ta' €1,164.69 u massimu ta' €23,293.73.

It-tieni imputazzjoni ġġorr magħha piena ta' massimu ta' €2300 mingħajr minimum stabbilit, jiġifieri l-piena tista' tkun minn Ewro 'l fuq.

Imbagħad ikun jonqos it-tielet imputazzjoni wkoll li skont il-Kap 10 titqies bħala kontravenzjoni.

Għall-aħħar tnejn il-Qorti tista' tapplika l-artikolu 17(f) tal-Kap 9 li jgħid hekk:

'(f) persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal-multa jew ammenda ogħla jew tal-ogħla multa jew ammenda, skont il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew l-ammendi l-oħra.'

Il-Qorti qed tqis li saret ammissjoni bikrija.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn il-Qorti illiberat lill-appellat bil-kundizzjoni li jagħmel ebda reat fi żmien sentejn u minflok qed tikkundannah iħallas multa ta' €1290. Din il-multa tista' titħallas f'ammonti ta' 50 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel**

**ħlas isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tkun tista' tinbidel fi priġuenrija skont il-Liġi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------